MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-25 ta' April, 2003

Talba Numru. 2482/2002

**Daniel u Dorianne konjugi Zerafa**

**vs**

**Evgueni Bodichtianou**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta’ Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf, mija u disa’ liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm1109.68) rapprezentanti danni kagunati f’incident stradali li sehh H’Attard, fis-27 ta’ Awissu 2002 bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCF 334 misjuqa mill-konvenut u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MUM 55 misjuqa mill-attur, ghal-liema ncident kien unikament responsabbli l-konvenut.
Bl-ispejjes kontra l-konvenut,, komprizi Lm23.00 ta’ konsult,,, dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment

mal-Avviz tat-Talba ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghax min-notifika tal-Avviz sal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici kif diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti izda b'tort tas-sewwieq tal-vettura MUM 555, u cioe' Daniel Zerafa, hekk kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Salxv eccezzjonijiet ohra.

Sema' x-xhieda ta' Daniel Zerafa, ta' Brian Azzopardi, tal-konvenut u ta' PS 1122, Arthur Rizzo. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ha konjizzjoni tar-rizultanzi tal-access li sar fil-post ta' fejn sehh l-incident.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigward ncident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta' Awissu 2002 fi Triq Santa Katerina, H'Attard bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni MUM 555 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCF 334 misjuqa mill-konvenut.

Illi l-attur xehed li fid-data tal-incident kien qed jipprocedi fit-triq imsemmija, gej mid-direzzjoni ta' H'Attard u sejjer ghad-dritt fid-direzzjoni tal-Mosta. Meta huwa wasal fil-kurvatura li hemm fit-triq, u cioe' quddiem il-"jumping Joy', ra l-vettura tal-konvenut iddur f'daqqa wahda ghal quddiemu sabiex tdhol fi Triq il-Gardjola. Il-vettura tal-konvenut laqtitu bil-parti tax-xellug ta' quddiem fuq il-parti tax-xellug ta' quddiem tal-vettura tieghu. L-attur xehed li huwa ma jaqbilx mal-posizzjoni tal-vettura tieghu kif indikata fl-iskizz imhejji mis-surgent tal-Pulizija li nvestiga l-kaz u jinsisti li l-vettura tieghu ma kienetx daqshekk ghal nofs it-triq izda kienet aktar vicin il-hajt li hemm man-naha tax-xellug tal-vettura tieghu.

Illi l-konvenut min-naha l-ohra xehed li huwa kien gej mid-direzzjoni tal-Mosta, mit-triq ta’ Hal Mann u ried idur ghal Triq il-Gardjola. Huwa jghid li waqaf hdejn it-‘traffic island’ li hemm f’nofs tat-triq ghal madwar zewg minuti peress li kien hemm vettura gejja mid-direzzjoni ta’ H’Attard li waqfet u ma kienx cert f’liema direzzjoni riedet tmur. Huwa jghid li is-sewwieq tat-trukk li kien wieqaf mat-‘traffiic island’ ghamillu sinjal li huwa seta’ jdur u meta ghamel hekk habat fil-vettura tal-attur li kienet gejja mid-direzzjoni ta’ H’Attard. Huwa jghid li ma rax i-vettura tal-attur qabel l-impatt u li jista’ jkun li anqas l-attur ma rah minhabba vettura tal-marka Alfa Romeo li kien hemm parkeggjata. Il-konvenut jikkonferma li huwa laqat il-vettura tal-konvenut bil-ponta ta’ quddiem tax-xellug tal-vettura tieghu u li l-hsara fil-vettura tal-konvenut ukoll kienet fuq quddiem man-naha tax-xellug. Il-konvenut jinsisti li wara l-incident setghu jghaddu vetturi minn bejn il-vettura tal-attur u l-hajt man-naha tax-xellug tal-vettura tal-attur u li ma setghux jghaddu vetturi bejn il-vettura tieghu, u cioe’ tal-konvenut u t-‘traffic island’.

Illi kif diga’ ntqal aktar il-fuq it-Tribunal kellu l-opportunita’ li jaccedi fuq il-post u li jisma’ lill-partijiet jaghtu l-verzjoni taghhom ta’ kif sehh l-incident fuq il-post. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-iskizz imhejji mis-surgent li nvestiga l-kaz ma jaghtix stampa ezatta tal-konfigurazzjoni tat-triq anki jekk irid jinghad li l-konfigurazzjoni tal-lokalita’ ta’ fejn sehh l-incident hija pjuttost irregolari u difficli biex tigi riportata fuq skizz ‘to scale’. Is-surgwnt fil-fatt ikkonferma dan fix-xhieda tieghu tal-11 ta’ Marzu 2003 fejn spjega li t-triq ma taghtikx li tpingi ‘triangular sketch’ u li allura huwa kellu jorbot ma‘ punt wiehed biss sabiex jaghmel il-kalkoli tieghu.

Illi l-konvenut isostni li l-attur kien maqlugh il-barra mill-hajt tan-naha taxx-ellug tieghu kif indikat fl-iskizz u donnu jrid jimplika li l-istess attur qasam ghal quddiemu ghaliex ried imur lejn il-Mosta billi jghaddi minn Pantar Road. Kif diga’ ntqal aktar il-fuq l-attur xehed li huwa ried imur lejn il-Mosta izda kien qed jipprocedi ghad-dritt stante li ried jghaddi mit-triq li taghti ghal Ta’ Qali. It-Tribunal jinnota li l-attur ta l-istess verzjoni ‘a tempo vergine’ u fil-fatt fir-‘Road

Accident Report' insibu li huwa qal hekk:- Kont tiela' bid-dritt sejjer lejn il-Mosta u l-vettura l-ohra get ghal fuqi f'daqqa wahda". It-Tribunal huwa propens li jemmen din il-verzjoni mhux biss ghaliex l-attur kien konsistenti f'dak li qal kemm ftit wara li sehh l-incident u kif ukoll meta xehed quddiem it-Trribunal u waqt l-access, izda principlament ghaliex Brian Azzopardi, xhud prodott mill-attur li wasal fuq il-post wara li sehh l-incident, u s-surgent li nvestiga l-kaz it-tnejn ikkonfermaw li wara l-incident setghu jghaddu biss vetturi bejn it'traffic island' u l-vettura tal-konvenut. Dan necessarjament jimplika li l-vettura tal-attur kienet imressqa aktar lejn ix-xellug meta sehh l-impatt u li hija effettivament kienet qed tipprocedi ghad-dritt.

Illi fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut ghandu jitqies unikament responsabbli ghall-incident 'de quo' u dan anki ghaliex huwa 'ex admissis' qal li ma rax il-vettura tal-attur qabel l-impatt. Dan sostnieh anki 'a tempo vergine' u fil-fatt fir-'Road Accident Report' insibu li huwa qal hekk:- "I was comig down and there was another vehicle in front of me  and I wanted to turn into Gardjola Street and while I was turning all of a sudden we collided. I must add that I did not see the other vehicle". Dan ifisser li l-konvenut biddel id-direzzjoni u qabad u qasam it-triq biex jidhol fi Triq Gwardjola minghajr ma zamm 'a proper lookout'' qabel ma effetwa din il-manuvra. Huwa b'hekk imblokka l-passagg tal-vettura tal-attur u sehhet il-kollizjoni. Isegwi ghalhekk li l-konvenut ghandu jigi ritenut unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li jifforma l-mertu tal-kawza.

Illi l-quantum tad-danni reklamati mill-attur ma gewx kontestati mill-konvenut u inoltre l-attur esibixxa l-ircevuti in sostenn tat-talba tieghu u jidher li t-tiswijiet saru in konformita' mas-'survey report' imhejji mis-'surveyor' imqabbad mis-socjeta' assikurattrici tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' ta' elf, mija u disa' liri Maltin u tmienja u sittin centezmu (Lm1109.68), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz tat-Talba ai termini tal-Kap. 104, izda li ma jinkludux l-ammont ta' Lm23.00 ghall-konsult, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------